32006R1572

20.10.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 290/29

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1572/2006

## tat-18 ta' Ottubru 2006

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 824/2000 li jistabbilixxi l-proċeduri għall-pussess ta' ċereali mill-aġenziji tal-intervent u li jippreskrivi l-metodi tal-analiżi sabiex jistabbilixxu l-kwalità fiċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 24(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kundizzjonijiet li taħthom iċ-ċereali jiġu offruti lil u jittieħdu f'idejn l-aġenziji tal-intervent għandhom ikunu uniformi kemm jista' jkun fil-Komunità kollha sabiex tkun evitata kwalunkwe diskriminazzjoni bejn il-produtturi. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 824/2000[2] ma jispeċifikax b'mod espliċitu d-data tal-għeluq għall-pussess taċ-ċereali offruti f'intervent. Din id-data tal-għeluq għandha tiġi speċifikata sabiex tiġi evitata kull ambigwità.

(2) Iċ-ċereali mhux ta' kwalità adegwata għall-użu jew għall-ħażna m'għandhomx jiġu aċċettati f'intervent. Għal dan il-għan, għandha tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni l-ġdida rigward intervent, b'mod partikolari l-ħażna fit-tul ta' ċerti ċereali u l-effetti tagħha fuq il-kwalità tal-prodott.

(3) Għalhekk, sabiex il-prodotti ta' intervent ikunu protetti kontra deterjorazzjoni u sabiex tinżamm l-adattabbiltà tagħhom għall-użu sussegwenti, il-kriterji tal-kwalità għall-qamħirrum stabbiliti fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 824/2000 għandhom jiġu mtejba. Għal dan il-għan, il-kontenut massimu ta' ndewwa u l-perċentwal massimu ta' ħbub miksura u ħbub li ssaħħnu wisq matul it-tnixxif għandu jitnaqqas. Meta wieħed jikkunsidra s-similaritajiet agronomiċi tas-sorgu u l-qamħirrum, u biex ikun hemm

1 ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1154/2005 (ĠU L 187, 19.7.2005, p. 11).

2 ĠU L 100, 20.4.2000, p. 31. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1068/2005 (ĠU L 174, 7.7.2005, p. 65).

konsistenza, għandhom jiġu stabbiliti l-istess miżuri għas-sorgu. Barra minn hekk, minħabba konsistenza maċ-ċereali l-oħra li huma eliġibbli għas-sistema tal-intervent, għandu jiġi stipulat kriterju speċifiku minimu ġdid tal-użin għall-qamħirrum.

(4) Il-livell taż-żidiet u tat-tnaqqis fil-prezz li japplikaw għall-qamħirrum u s-sorgu stabbiliti fit-Tabelli I, II u III tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 824/2000 għandhom ukoll jiġu emendati kif xieraq.

(5) Għandhom jingħataw dettalji tal-informazzjoni li l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni biex ikun jista' jsir rapport statistiku kull ġimagħtejn dwar l-istat tal-istokkijiet ta' intervent.

(6) Għal dan il-għan, għandha tinkiseb informazzjoni speċifika u din għandha tiġi elenkata abbażi ta' standard reġjonali, fl-interessi ta' ġestjoni tajba tas-sistema tal-intervent taċ-ċereali. Għal dan il-għan, għandhom jintużaw il-livelli reġjonali stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 837/90 tas-26 ta' Marzu 1990 dwar informazzjoni tal-istatistika li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri dwar produzzjoni ta' ċereali[3], u l-Istati Membri huma mitluba jikkomunikaw din l-informazzjoni lill-Kummissjoni.

(7) Fl-interessi ta' ġestjoni tajba tas-sistema, l-informazzjoni meħtieġa mill-Kummissjoni għandha tintbagħat b'mezzi elettroniċi.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 824/2000 għandu, għaldaqstant, ikun emendat kif jixraq.

(9) L-emendi previsti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw għaċ-ċereali offruti fl-intervent mill-1 ta' Novembru 2006. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 824/2000 qed jiġi emendat kif ġej:

1) Fl-Artikolu 3, il-punt 3.9 jinbidel b'dan li ġej:

"3.9 il-metodu standard biex jiġi ddeterminat l-piż speċifiku għandu jkun konformi mal-ISO 7971/2:1995; għall-qamħirrum għandhom jintużaw il-metodi tradizzjonali. "

2) Fl-Artikolu 5, għandu jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. L-aħħar pussess għandu jsir sa mhux aktar tard mit-tieni xahar wara dak tal-kunsinna finali msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(3), u fi

3 ĠU L 88, 3.4.1990, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju fi Spanja, il-Greċja, l-Italja u l-Portugall u sal-31 ta' Awwissu fl-Istati Membri l-oħra."

3) Fl-Artikolu 9, il-punti (a) u (b) jinbidlu b'dan li ġej:

"(a) fejn il-kontenut ta' ndewwa taċ-ċereali offruti għall-intervent ikun inqas minn 13% għall-qamħirrum u s-sorgu u minn 14% għaċ-ċereali l-oħra, iż-żidiet fil-prezzijiet li għandhom jiġu applikati huma dawk elenkati fit-Tabella I tal-Anness VII. Fejn il-kontenut ta' ndewwa ta' dawn iċ-ċereali offruti għall-intervent ikun ogħla minn 13% u 14% rispettivament, it-tnaqqis fil-prezzijiet li għandhom jiġu applikati huma dawk elenkati fit-Tabella II tal-Anness VII;

(b) fejn il-piż speċifiku taċ-ċereali offruti għall-intervent ikun differenti mill-proporzjon ta' piż/volum ta' 76 kg/hl għall-qamħ komuni, 71 kg/hl għall-qamħirrum u 64 kg/hl għax-xgħir, it-tnaqqisiet fil-prezz li għandhom jiġu applikati huma dawk elenkati fit-Tabella III tal-Anness VII."

4) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

*"Artikolu 11a*

Kull Stat Membru għandu jibgħat b'mezzi elettroniċi, għal kull ċereali elenkat fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003:

(a) informazzjoni dwar l-istat tal-istokkijiet ta' intervent sal-12.00 (ħin ta' Brussell) kull nhar ta' Erbgħa, partikolarment dwar:

(i) il-kwantitajiet offruti fl-intervent matul il-ġimgħa preċedenti, skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament;

(ii) il-kwantitajiet offruti, fejn l-offerta tiġi rtirata mill-offerent wara l-bidu tal-perjodu tal-intervent;

(iii) il-kwantitajiet totali offruti għall-intervent wara l-bidu tal-perjodu tal-intervent, netti tal-kwantitajiet imsemmija fil-punt (ii);

(iv) il-kwantità totali meħuda mill-bidu tal-perjodu tal-intervent, skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

(b) il-kwantitajiet offruti fl-intervent skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2131/93(*) fil-jum tal-Erbgħa wara l-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti;

(c) il-kwantitajiet intiżi għad-distribuzzjoni b'xejn lill-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87(**) fil-jum tal-Erbgħa wara d-data li fiha l-Istat Membru jkun iddefinixxa l-lottijiet konċernati;

(d) ir-riżultati medji tal-piż speċifiku, tal-kontenut ta' ndewwa, tal-perċentwal ta' ħbub miksura u tal-kontenut ta' proteina rreġistrati għal-lottijiet ta' ċereali meħudin, skont ir-reġjun stabbilit fl-Anness III għar-Regolament tal-

Kunsill (KEE) Nru 837/90(***), sa tmiem ix-xahar ta' wara d-data tal-għeluq tat-teħid f'pussess imsemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 191, 31.7.1993, p. 76.
(**) ĠU L 352, 15.12.1987, p. 1.
(***) ĠU L 88, 3.4.1990, p. 1."

5) L-Annessi I u VII qed ikunu b'dan il-mezz emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2006.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Ottubru 2006.

*Għall-Kummissjoni*
*Mariann FISCHER BOEL*
*Membru tal-Kummissjoni*

# ANNESS

L-Annessi I u VII qegħdin jiġu b'dan emendati kif ġej:

1) L-Anness I jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS I

| | Qamħ *durum* | Qamħ komuni | Xgħir | Qamħirrum | Sorgu |
|---|---|---|---|---|---|
| A. Kontenut massimu ta' ndewwa | 14.5% | 14.5% | 14.5% | 13.5% | 13.5% |
| B. Perċentwal massimu ta' materjal li mhuwiex ċereali ta' bażi ta' kwalità perfetta: | 12% | 12% | 12% | 12% | 12% |
| 1. Ħbub miksurin | 6% | 5% | 5% | 5% | 5% |
| 2. Impuritajiet li jikkonsistu fi ħbub (għajr kif indikat fi 3) | 5% | 7% | 12% | 5% | 5% |
| li minnhom: | | | | | |
| (a) ħbub mixruba | | | | — | — |
| (b) ċereali oħrajn | 3% | | 5% | — | — |
| (c) ħbub bi ħsara minn organiżmi ta' dannu | | | | | |
| (d) ħbub bir-raħs skulurit | | | — | — | — |
| (e) ħbub li ssaħħnu wisq waqt it-tnixxif | 0.50% | 0.50% | 3% | 0.50% | 0.50% |
| 3. Ħbub imtebba' u/jew ħbub affettwati mill-fusarjożi, | 5% | — | — | — | — |
| li minnhom: | | | | | |
| — ħbub affettwati mill-fusarjożi | 1.5% | — | — | — | — |
| 4. Ħbub bin-nebbieta | 4% | 4% | 6% | 6% | 6% |
| 5. Impuritajiet varji (Schwarzbesatz), | 3% | 3% | 3% | 3% | 3% |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| li minnhom: | | | | | |
| (a) żrieragħ barranin: | | | | | |
| — noċivi | 0.10% | 0.10% | 0.10% | 0.10% | 0.10% |
| — oħrajn | | | | | |
| (b) ħbub danneġġati: | | | | | |
| — ħbub danneġġati bit-tisħin spontanju jew b'wisq tisħin waqt it-tnixxif | 0.05% | 0.05% | | | |
| — oħrajn | | | | | |
| (c) materjal barrani | | | | | |
| (d) qxur | | | | | |
| (e) sadid | 0.05% | 0.05% | — | — | — |
| (f) ħbub imħassra | | | — | — | — |
| (g) insetti mejta u frammenti ta' insetti | | | | | |
| C. Perċentwal massimu ta' ħbub parzjalment jew totalment imtabba' | 27% | — | — | — | — |
| D. Kontenut massimu ta' tannin[4] | — | — | — | — | 1% |
| E. Piż speċifiku minimu (kg/hl) | 78 | 73 | 62 | 71 | — |
| F. Kontenut minimu ta' proteina[5]: | | | | | |
| - sena tas-suq 2000/01 | 11.5% | 10% | — | — | — |
| - sena tas-suq 2001/02 | 11.5% | 10.3% | — | — | — |
| — sena tas-suq 2002/03 u 'l quddiem | 11.5% | 10.5% | | | |

4 Bħala % ta' materja niexfa.
5 Bħala % ta' materja niexfa.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| G. n-numru Hagberg li jaqa' (sekondi) | 220 | 220 | | | |
| H. Indiċi minimu Zeleny (ml) | — | 22 | — | — | — |

"

2) Fl-Annessi VII, it-Tabelli I, II u III jinbidlu b'dawn li ġejjin:

"TABELLA I

**Żidiet fil-prezz għall-kontenut ta' ndewwa**

| Qamħirrum u sorgu | | Ċereali oħra | |
|---|---|---|---|
| Kontenut ta' ndewwa (%) | Żidiet EUR/tunnellata | Kontenut ta' ndewwa (%) | Żidiet EUR/tunnellata |
| - | - | 13.4 | 0.1 |
| - | - | 13.3 | 0.2 |
| - | - | 13.2 | 0.3 |
| - | - | 13.1 | 0.4 |
| - | - | 13.0 | 0.5 |
| - | - | 12.9 | 0.6 |
| - | - | 12.8 | 0.7 |
| - | - | 12.7 | 0.8 |
| - | - | 12.6 | 0.9 |
| - | - | 12.5 | 1.0 |
| 12.4 | 0.1 | 12.4 | 1.1 |
| 12.3 | 0.2 | 12.3 | 1.2 |
| 12.2 | 0.3 | 12.2 | 1.3 |
| 12.1 | 0.4 | 12.1 | 1.4 |
| 12.0 | 0.5 | 12.0 | 1.5 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11.9 | 0.6 | 11.9 | 1.6 |
| 11.8 | 0.7 | 11.8 | 1.7 |
| 11.7 | 0.8 | 11.7 | 1.8 |
| 11.6 | 0.9 | 11.6 | 1.9 |
| 11.5 | 1 | 11.5 | 2.0 |
| 11.4 | 1.1 | 11.4 | 2.1 |
| 11.3 | 1.2 | 11.3 | 2.2 |
| 11.2 | 1.3 | 11.2 | 2.3 |
| 11.1 | 1.4 | 11.1 | 2.4 |
| 11.0 | 1.5 | 11.0 | 2.5 |
| 10.9 | 1.6 | 10.9 | 2.6 |
| 10.8 | 1.7 | 10.8 | 2.7 |
| 10.7 | 1.8 | 10.7 | 2.8 |
| 10.6 | 1.9 | 10.6 | 2.9 |
| 10.5 | 2.0 | 10.5 | 3.0 |
| 10.4 | 2.1 | 10.4 | 3.1 |
| 10.3 | 2.2 | 10.3 | 3.2 |
| 10.2 | 2.3 | 10.2 | 3.3 |
| 10.1 | 2.4 | 10.1 | 3.4 |
| 10.0 | 2.5 | 10.0 | 3.5 |

TABELLA II

**Tnaqqis fil-prezz għall-kontenut ta' ndewwa**

| Qamħirrum u sorgu | | Ċereali oħra | |
|---|---|---|---|
| Kontenut ta' ndewwa (%) | Tnaqqis EUR/tunnellata | Kontenut ta' ndewwa (%) | Tnaqqis EUR/tunnellata |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 13.5 | 1.0 | 14.5 | 1.0 |
| 13.4 | 0.8 | 14.4 | 0.8 |
| 13.3 | 0.6 | 14.3 | 0.6 |
| 13.2 | 0.4 | 14.2 | 0.4 |
| 13.1 | 0.2 | 14.1 | 0.2 |

TABELLA III

**Tnaqqis fil-prezz għall-piż speċifiku**

| Ċereali | Piż speċifiku (kg/hl) | Tnaqqis fil-prezz EUR/tunnellata |
|---|---|---|
| Qamħ komuni | Inqas minn 76 għal 75 | 0.5 |
| | Inqas minn 75 għal 74 | 1.0 |
| | Inqas minn 74 għal 73 | 1.5 |
| Qamħirrum | Inqas minn 73 għal 72 | 0.5 |
| | Inqas minn 72 għal 71 | 1.0 |
| Xgħir | Inqas minn 64 għal 62 | 1.0 |

"